# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 535/2022/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Frank Schembri**

Illum 26 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Frank Schembri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 494296(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fis-16 ta' Settembru 2022:

1. bil-ħsieb li jikkommetti reat ta' serq ta' bott kafé minn ġewwa l-istabbiliment Daves Store ġewwa l-Gżira, għad-dannu ta' Rachitkumar Dilipbhai Patel u/jew persuni u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit

minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-ħati u dan bi ksur ta' Artikoli 41 u 261 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, ħin u lok, volontarjament ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Rachitkumar Dilipbhai Patel skont kif ġie ċertifikat minn Dr. Daniela Zammit ġewwa l-poliklinika tal-Floriana u dan bi ksur ta' Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. fl-istess ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u paċi pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. fl-istess data, aktar tard ġewwa l-Floriana, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, ċioè fuq vettura tal-għamla Otokar bin-numru tar-reġistrazzjoni BUS 832, liema ħsara tammonta ghal aktar minn mitejn u ħamsin Euro (€250) iżda mhux aktar minn elfejn u ħames mitt Euro (€2500) għad-dannu ta' Godknows Kwamla Horga u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra, u dan bi ksur ta' Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. fl-istess ċirkostanzi tal-akkuża preċedenti, volontarjament ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Godknows Kwamla Horga, skont kif ġie ċertifikat minn Dr. Norman Ellul (Reg. No. 2448) ġewwa l-Poliklinika tal-Floriana u dan bi ksur ta' Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. fl-istess ċirkostanzi hedded, jew inġurja lil Godknows Kwamla Horga u dan bi ksur ta' Artikolu 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. fl-istess ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u paċi pubblika u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti ġiet mitluba wkoll li titratta mal-imputat bħala reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta huwa kien ġie misjub ħati u kkundannat għall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Lulju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7, 31, 41(1)(a), 49, 50, 216(1)(b), 221(1), 284, 285, 289, 325(b), 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkundannatu tmintax-il xahar (18) priġunerija.

*In oltre* l-Ewwel Qorti qiegħdet lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament *ai termini* ta' Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex jingħata l-għajnuna kontra l-vizzju tad-droga kif ukoll dik psikjatrika u psikologika neċessarja kif ukoll kull għajnuna oħra li jista' jkollu bżonn, hekk kif jista' jiġi rakkomandat mill-*Probation Officer*, bl-intervent ta' professjonisti varji, liema ordni saret għal perjodu ta' tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza u li ġiet soġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti dakinhar stess u anness mal-istess sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

*Ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u ta' l-Ordni ta' Trattament mogħtija b'Digriet dakinhar stess kellhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* illi jkun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat kellu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

L-Ewwel Qorti spjegat l-import tas-sentenza lill-ħati u x'jiġri jekk huwa ma joqgħodx għall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Trattament, jew jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tliet (3) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rigward it-talba *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ddikjarat li ma kienx hemm spejjeż x'jitħallsu mill-imputat f'dan il-każ.

L-Ewwel Qorti ordnat notifika tas-sentenza u d-digrieti annessi magħha lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation and Parole*.

Finalment, *ai termini* ta' Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-22 ta' Lulju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li:*

*i. Tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet inkluż l-addebitu tar-reċidiva u dik il-parti fejn ingħatat piena ta' tmintax-il xahar (18) priġunerija effettiva u fejn inħarġet Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-appellat Frank Schembri;*

*ii. Tbiddilha fil-parti fejn l-Ewwel Qorti ordnat li m'hemmx spejjeż x'jitħallsu mill-imputat fil-każ odjern u minflok tikkundanna lill-appellat għall-ħlas tal-ispejjeż tal-periti skont kif din il-Qorti jidhrilha xieraq skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-11 ta' Lulju 2024.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellat allura imputat tressaq taħt arrest quddiem l-Ewwel Qorti fit-18 ta' Settembru 2022 fejn huwa ġie akkużat bl-imputazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Jirriżulta wkoll li, wara li l-Ewwel Qorti żammet numru ġmielu ta' seduti fejn instemgħu numru ta' xhieda quddiemha, l-appellat allura imputat irreġistra l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu fil-konfront tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tagħti s-sentenza tagħha fil-11 ta' Lulju 2024 u dana wara li ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-appellat.

Illi mis-sentenza appellata appella l-Avukat Ġenerali fejn l-aggravju tiegħu huwa dwar in-nuqqas ta' ordni mill-Ewwel Qorti lill-appellat allura imputat sabiex iħallas l-ispejjeż tal-periti u dana *ai termini* ta' Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Wara li l-appellant jikkwota dan is-sub-artikolu, huwa jisħaq li s-sub-artikolu jeżiġi li l-Qorti "*għandha*" tikkundanna lill-ħati għall-ispejjeż peritali li jkunu saru. Jgħid li l-Ewwel Qorti njorat dan tant li fis-sentenza appellata qalet li *"m'hemmx spejjeż x'jitħallsu mill-imputat fil-każ odjern."* L-appellant jgħid li dan mhux minnu u dana peress li l-atti proċesswali jikkontjenu r-rapport redatt mill-espert Dr. Mario Scerri u kif ukoll ir-rapport redatt minn Dr. Steven Farrugia, liema esperti espletaw l-inkarigi mogħtija lilhom mill-Ewwel Qorti. L-appellant jgħid ukoll li dawn l-esperti laħqu espletaw l-inkarigi mogħtija lilhom qabel mal-appellat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li l-Qorti għandha meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew il-ħatjin, ilkoll flimkien *in*

*solidum* jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-Proċess Verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Illi dak li għadu kemm ingħad ma jħalli l-ebda lok għall-interpretazzjoni u dana peress li, kif qal l-appellant Avukat Ġenerali, Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta juża l-kelma "għandha".

Illi minn qari tal-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant Avukat Ġenerali għandu raġun ukoll meta jgħid li l-istess atti jikkontjenu rapporti ta' esperti li tqabbdu mill-Ewwel Qorti fuq inkarigi u li huma espletaw l-inkarigu tagħhom qabel mal-appellat allura imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant jirriżulta li kienet skorreta l-Ewwel Qorti meta fis-sentenza appellata qalet li *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx hemm spejjeż x'jitħallsu mill-appellat fil-każ.

Illi r-rapporti li jsiru riferenza għalihom fil-paragrafu preċedenti huma s-segwenti:

- rapport ta' Dr. Mario Scerri (Dok. "MS 1" – *a fol.* 77 *et seq.*): €309 (*a fol.* 86); u

- rapport ta' Dr. Steven Farrugia Sacco (Dok. "SFS 1" – *a fol.* 107 *et seq.*): €953.68 (*a fol.* 113).

Illi tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami jirriżulta li dan l-aggravju għandu jkun milqugħ bil-konsegwenza li l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali jisħoqqlu jkun milqugħ.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u b'hekk

tikkonferma s-sentenza appellata għajr għal dik il-parti fejn qalet li *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx hemm spejjeż x'jitħallsu mill-appellat allura imputat Frank Schembri liema parti qed tiġi mħassra u revokata

u

minflok *ai termini* ta' Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-appellat Frank Schembri sabiex fi żmien tliet (3) xhur millum iħallas l-ammont ta' elf, mitejn u tnejn u sittin Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€1262.68)[1] rappreżentanti spejjeż peritali.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

[1] Dr. Mario Scerri (€309 – *a fol.* 86) (Dok. "MS 1" – *a fol.* 77 *et seq.*); Dr. Steven Farrugia Sacco (€953.68 – *a fol.* 113) (Dok. "SFS 1" – *a fol.* 107 *et seq.*).